SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla)

3 ta' Ġunju 2021 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Direttiva 1999/70/KE – Ftehim qafas bejn l-ETUC, l-UNICE u ċ-CEEP fuq ix-xogħol għal żmien determinat – Klawżola 5 – Applikabbiltà – Kunċett ta' "kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat" – Kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat fis-settur pubbliku – Miżuri intiżi li jipprevjenu u jissanzjonaw l-użu abbużiv tal-kuntratti ta' xogħol jew tar-relazzjonijiet ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat – Kunċett ta' "raġunijiet oġġettivi" li jiġġustifikaw tali kuntratti – Miżuri legali ekwivalenti – Obbligu ta' interpretazzjoni konformi mad-dritt nazzjonali – Il-kriżi ekonomika"

Fil-Kawża C-726/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de Madrid (il-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja ta' Madrid, Spanja), permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-1 ta' Ottubru 2019, fil-proċedura

Instituto Madrileño de Investigación y Desarrollo Rural, Agrario y Alimentario

vs

JN,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla),

komposta minn A. Kumin (Relatur), President tal-Awla, P. G. Xuereb u I. Ziemele, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: A. Rantos,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Instituto Madrileño de Investigación y Desarrollo Rural, Agrario y Alimentario, minn L. Santiago Lara, letrada,

– għall-Gvern Spanjol, minn L. Aguilera Ruiz u S. Jiménez García, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn N. Ruiz García, M. van Beek u I. Galindo Martín, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal terminu fiss [żmien determinat], konkluż fit-18 ta' Marzu 1999 (iktar 'il quddiem il-"Ftehim qafas"), li jinsab fl-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss [determinat] konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn l-Instituto Madrileño de Investigación y Desarrollo Rural, Agrario y Alimentario (l-Istitut Madrilen ta' Riċerka u ta' Żvilupp Rurali, Agrarju u Alimentari tal-Komunità Awtonoma ta' Madrid, Spanja) (iktar 'il quddiem l-"Imidra") u JN dwar ix-xoljiment tal-kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat konkluż bejn l-Imidra u din tal-aħħar, sabiex timtela pożizzjoni vakanti.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Skont il-premessa 17 tad-Direttiva 1999/70:

"Fejn għandhom x'jaqsmu t-termini użati fil-ftehim qafas imma mhux speċifikament definiti hemmhekk, din id-Direttiva tippermetti lill-Istati Membri biex jiddefinixxu dawn it-termini f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali kif inhu l-każ għal Direttivi oħrajn dwar kwistjonijiet soċjali li jużaw termini simili, sakemm id-definizzjonijiet inkwistjoni jirrispettaw il-kontenut tal-ftehim qafas."

4 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 ta' din id-direttiva jipprevedi:

"L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattvi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-10 ta' Lulju 2001, jew għandhom jiżguraw li, sa dik id-data mill-inqas, l-imsieħba soċjali jkunu introduċew il-miżuri neċessarji skond il-ftehim, u l-Istati Membri jkunu meħtieġa jieħdu xi miżuri neċessarji sabiex ikunu jistgħu f'kull ħin ikunu f'posizzjoni li jiggarantixxu r-riżultati imposti b'din id-Direttiva. Għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni bihom."

5 Il-punt 7 tal-Kunsiderazzjonijiet Ġenerali ta' dan il-Ftehim qafas huwa fformulat kif ġej:

"Billi l-użu ta' kuntratti ta' l-impjieg għal terminu fiss [żmien determinat] ibbażati fuq raġunijiet oġġettivi huwa mod kif jiġi pprevenut l-abbuż".

6 Skont il-Klawżola 1 tal-Ftehim qafas, l-għan tiegħu huwa, minn naħa, li titjieb il-kwalità ta' xogħol għal terminu fiss [żmien determinat] billi tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni u, min-naħa l-oħra, li jistabbilixxi qafas biex jipprevjeni l-abbuż ikkawżat mill-użu ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi tal-impjieg għal terminu fiss [żmien determinat].

7 Il-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas, intitolata "Miżuri għal prevenzjoni ta' l-abbuż", tistabbilixxi:

"1. Sabiex jiġi ipprevenut l-abbuż ikkawżat mill-użu ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' impjieg għal terminu fiss [xogħol għal żmien determinat] wara konsultazzjoni ma' l-imsieħba soċjali skond il-liġi nazzjonali, il-ftehim kollettiv jew il-prattika, u/jew l-imsieħba soċjali, għandhom, meta ma hemm ebda miżuri ekwivalenti legali biex jipprevjenu l-abbuż, jintroduċu b'mod li jieħu kont tal-ħtiġiet tas-setturi u/jew kategoriji speċifiċi ta' ħaddiema, waħda jew iktar mill-miżuri li ġejjin:
   (a) raġunijiet oġġettivi li jiġġustifikaw it-tiġdid ta' dawn il-kuntratti jew relazzjonijiet;
   (b) iż-żmien massimu totali ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' impjieg għal terminu fiss;
   (ċ) in-numru ta' tiġdid ta' dawn il-kuntratti jew relazzjonijiet.

2. L-Istati Membri wara konsultazzjoni ma' l-imsieħba soċjali u/jew l-imsieħba soċjali għandhom, meta approprjat, jiddeterminaw taħt liema kondizzjonijiet il-kuntratti jew ir-relazzjonijiet ta' impjieg għal terminu fiss [żmien determinat]:
   (a) għandhom jitqiesu bħala 'suċċessivi';
   (b) għandhom jitqiesu bħala kuntratti jew relazzjonijiet għal żmien indefinit."

Id-dritt Spanjol

8 L-Artikolu 9(3) tal-Constitución española (il-Kostituzzjoni Spanjola) jipprevedi:

"Il-Kostituzzjoni tiggarantixxi l-prinċipju ta' legalità, il-ġerarkija tar-regoli, il-pubbliċità tar-regoli, in-nuqqas ta' retroattività tad-dispożizzjonijiet li jimponu sanzjonijiet iktar severi jew li jirrestrinġu d-drittijiet individwali, iċ-ċertezza legali, ir-responsabbiltà u l-projbizzjoni tal-arbitrarjetà tal-awtoritajiet pubbliċi."

9 L-Artikolu 4(1) tar-Real Decreto 2720/1998 por el que se desarrolla el artículo 15 del Estatuto de los Trabajadores en materia de contratos de duración determinada (id-Digriet Irjali 2720/1998 li jimplimenta l-Artikolu 15 tal-Istatut tal-Ħaddiema fil-Qasam tal-Kuntratti għal Żmien Determinat), tat-18 ta' Diċembru 1998 (BOE Nru 7, tat-8 ta' Jannar 1999, p. 568), jiddefinixxi l-kuntratt ta' "interinidad" bħala l-kuntratt konkluż sabiex jiġi ssostitwit ħaddiem tal-impriża intitolat għaż-żamma tal-pożizzjoni ta' xogħol tiegħu taħt leġiżlazzjoni, ftehim kollettiv jew ftehim individwali, jew sabiex tiġi koperta temporanjament pożizzjoni ta' xogħol matul il-proċedura ta' reklutaġġ jew ta' promozzjoni sabiex timtela definittivament l-imsemmija pożizzjoni.

10 Skont l-Artikolu 4(2) ta' dan id-digriet irjali, il-kuntratt għandu jidentifika, b'mod partikolari, il-ħaddiem issostitwit u r-raġuni tas-sostituzzjoni u l-pożizzjoni ta' xogħol li tkun ser timtela definittivament wara l-proċedura ta' reklutaġġ jew ta' promozzjoni. It-tul tal-kuntratt ta' interinidad konkluż sabiex jiġi ssostitwit ħaddiem tal-impriża intitolat għaż-żamma tal-pożizzjoni ta' xogħol tiegħu jikkorrispondi għal dak tal-assenza ta' dan il-ħaddiem. It-tul tal-kuntratt ta' interinidad konkluż sabiex tiġi koperta temporanjament pożizzjoni ta' xogħol matul il-proċedura ta' reklutaġġ jew ta' promozzjoni sabiex timtela definittivament l-imsemmija pożizzjoni jikkorrispondi għat-tul ta' din il-proċedura. Dan it-tul ma jistax ikun ta' iktar minn

tliet xhur u, ladarba jintemm dan il-perijodu massimu, ma jistax jiġi konkluż kuntratt ġdid bl-istess skop. Fil-proċeduri ta' reklutaġġ imwettqa mill-amministrazzjonijiet pubbliċi sabiex jimtlew pożizzjonijiet ta' xogħol, it-tul tal-kuntratti ta' interinidad jikkoinċidi mat-tul tal-imsemmija proċeduri konformement ma' dak li huwa previst mil-leġiżlazzjoni speċifika għalihom.

11 It-Texto Refundido de la Ley del Estatuto Básico del Empleado Público (it-test irriformulat tal-Liġi dwar l-Istatut Bażiku tal-Persunal tas-Servizz Pubbliku) approvat bid-Real Decreto Legislativo 5/2015 (Digriet Irjali Leġiżlattiv 5/2015) tat-30 ta' Ottubru 2015 (BOE Nru 261, tal-31 ta' Ottubru 2015, p. 103105, iktar 'il quddiem l-"EBEP"), jipprovdi, fl-Artikolu 70 tiegħu, intitolat "Avviż ta' Impjieg Pubbliku":

"1. Il-ħtiġijiet ta' riżorsi umani li jibbenefikaw minn allokazzjoni baġitarja li għandhom ikunu koperti mir-reklutaġġ ta' persunal ġdid huma suġġetti għal avviż ta' impjieg pubbliku jew huma mimlijin permezz ta' strument simili ieħor ta' ġestjoni tal-kopertura tal-bżonnijiet tal-persunal, li jimplika l-organizzazzjoni tal-proċeduri ta' reklutaġġ korrispondenti għall-pożizzjonijiet previsti, sal-limitu ta' għaxra fil-mija addizzjonali, u li jiġi ffissat it-terminu massimu għall-pubblikazzjoni tal-avviżi. Fi kwalunkwe każ, l-implimentazzjoni tal-avviż ta' impjieg pubbliku jew tal-istrument simili għandha ssir f'terminu ta' tliet snin li ma jistax jiġi estiż.

2. L-avviż ta' impjieg pubbliku jew l-istrument simili, approvat kull sena mill-korpi governattivi tal-amministrazzjoni pubblika, għandu jiġi ppubblikat fil-ġurnal uffiċjali korrispondenti.

[…]"

It-tilwima fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

12 Fit-23 ta' Ġunju 2003, l-Imidra kkonkluda ma' JN kuntratt għal żmien determinat sabiex timtela pożizzjoni vakanti marbuta ma' avviż ta' impjieg pubbliku tas-sena 2002. JN għalhekk kienet teżerċita funzjonijiet ta' aġent fil-qasam tal-ospitalità.

13 Matul is-sena 2005, ġiet organizzata kompetizzjoni sabiex timtela l-pożizzjoni okkupata minn JN. Madankollu, din il-pożizzjoni ma ntgħażlet minn ebda kandidat li għadda minn din il-kompetizzjoni, b'tali mod li l-kuntratt ta' interinidad ta' JN ġie estiż matul is-sena 2008.

14 Matul is-sena 2009, il-Consejería de Presidencia, Justicia e Interior de la Comunidad de Madrid (il-Kunsill tal-Presidenza, Sezzjoni tal-Ġustizzja u l-Intern, tal-Komunità ta' Madrid, Spanja) organizza kompetizzjoni ġdida għall-aċċess għal pożizzjonijiet tat-tip kuntrattwali tal-kategorija professjonali ta' aġent fil-qasam tal-ospitalità.

15 Permezz ta' deċiżjoni tas-27 ta' Lulju 2016, id-Dirección General de la Función Pública (id-Direttorat Ġenerali tas-Servizz Pubbliku, Spanja) alloka dawn il-pożizzjonijiet lil dawk li għaddew minn din il-kompetizzjoni.

16 Fit-3 ta' Ottubru 2016, JN irċeviet ittra li informatha bix-xoljiment tal-kuntratt ta' xogħol tagħha minħabba li l-pożizzjoni vakanti li kienet tokkupa kienet ġiet attribwita lil ħaddiem permanenti.

17 Fl-24 ta' Mejju 2017, JN ikkontestat it-tkeċċija tagħha quddiem il-Juzgado de lo Social nº 40 de Madrid (il-Qorti Industrijali Nru 40 ta' Madrid, Spanja).

18 B'deċiżjoni tas-26 ta' Settembru 2018, dik il-qorti laqgħet parzjalment ir-rikors ta' JN. Hija kkunsidrat, essenzjalment, li r-relazzjoni ta' xogħol inkwistjoni kienet saret relazzjoni għal żmien indeterminat mhux permanenti, peress li hija kienet eċċediet it-terminu ta' tliet snin previst fl-Artikolu 70 tal-EBEP sabiex timtela l-pożizzjoni vakanti li JN kienet tokkupa. Għaldaqstant, l-Imidra ġie kkundannat iħallas lil JN kumpens ta' tkeċċija ta' EUR 3 266.48, jiġifieri 20 jum ta' salarju għal kull sena ta' xogħol, konformement mal-ġurisprudenza tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja).

19 L-Imidra appella minn dik is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju, it-Tribunal Superior de Justicia de Madrid (il-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja ta' Madrid, Spanja). Skont dik il-qorti, il-kuntratt ta' interinidad inkwistjoni fil-kawża prinċipali ġie kklassifikat mill-ġdid bħala kuntratt għal żmien indeterminat fid-dawl tan-natura imprevedibbli tad-data ta' skadenza tiegħu. Issa, din in-natura imprevedibbli tmur kontra n-natura stess ta' kuntratt temporanju, li, skont il-liġi, għandha tkun magħrufa d-data ta' skadenza tiegħu. Barra minn hekk, l-imsemmija qorti tqis li ebda ġustifikazzjoni ma tista' tiġi ammessa fir-rigward tad-dewmien fl-organizzazzjoni ta' proċedura ta' reklutaġġ fil-pożizzjoni vakanti, li wassal, f'dan il-każ, għal relazzjoni ta' xogħol ta' iktar minn tlettax-il sena.

20 Madankollu, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li, skont il-ġurisprudenza tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema), huwa eskluż li kuntratt ta' interinidad, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jista' jiġi kklassifikat mill-ġdid bħala relazzjoni ta' xogħol għal żmien indeterminat mhux permanenti. Fil-fatt, la l-konklużjoni ta' kuntratti ta' interinidad suċċessivi u lanqas l-estensjoni ta' tali kuntratti, li għandhom l-effett li jestendu r-relazzjoni ta' xogħol, għal perijodu li jista' jitla' sa 20 sena, ma jitqiesu li huma abbużivi. Minn dan jirriżulta li ħaddiem li, wara li jkun ħadem għal diversi snin bis-saħħa ta' dawn il-kuntratti, jitlef l-impjieg tiegħu b'mod mhux mistenni minħabba l-fatt li l-pożizzjoni vakanti tkun mimlija, ma għandu dritt għal ebda kumpens.

21 Barra minn hekk, skont il-qorti tar-rinviju, għalkemm huwa possibbli, bħalma sar mill-Juzgado de lo Social nº 40 de Madrid (il-Qorti Industrijali Nru 40 ta' Madrid), li l-Artikolu 70 tal-EBEP jiġi interpretat fis-sens li jipprevedi tul massimu tal-kuntratt ta' interinidad, sa fejn din id-dispożizzjoni tistabbilixxi terminu ta' tliet snin għall-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' reklutaġġ, li indirettament jippermetti li jiġi evitat li r-relazzjonijiet ta' xogħol temporanji tal-persuni li jokkupaw pożizzjonijiet vakanti jiġu estiżi, it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) iddeċidiet diversi drabi li dan ma kienx il-każ. Fil-fatt, din l-aħħar qorti tqis li t-terminu previst fl-Artikolu 70 tal-EBEP ma jikkostitwixxix garanzija assoluta u ma huwiex ta' natura awtomatika. B'mod partikolari, dan it-terminu seta', skont l-imsemmija qorti, jiġi estiż *sine die* għal diversi raġunijiet u seta' jiġi estiż, b'mod partikolari, minħabba l-kriżi ekonomika serja tal-2008.

22 Minn dan jirriżulta, skont il-qorti tar-rinviju, li l-kuntratt ta' interinidad ħafna drabi jdum deċennji sħaħ u li t-tul tiegħu huwa suġġett għall-arbitrarjetà tal-persuna li timpjega, jiġifieri, f'dan il-każ, l-amministrazzjoni, li tista' tiddeċiedi, mingħajr ġustifikazzjoni, li tibda jew le l-proċess ta' reklutaġġ sabiex timtela l-pożizzjoni vakanti u li tagħżel il-mument opportun li fih hija tibda dan il-proċess. Issa, din is-sitwazzjoni tmur kontra l-prinċipju ta' ċertezza legali, kif iggarantit mill-Artikolu 9(3) tal-Kostituzzjoni Spanjola.

23 F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar il-konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, kif interpretata mit-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema), mal-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas.

24 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunal Superior de Justicia de Madrid (il-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja ta' Madrid) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-istabbiliment ta' kuntratt temporanju bħall-kuntratt għal żmien determinat (interinidad) sabiex timtela pożizzjoni vakanti, li t-tul tiegħu jitħalla fl-arbitrarjetà tal-persuna li timpjega sabiex tiddeċiedi jekk timlix (jew le) il-pożizzjoni vakanti, meta jsir l-imsemmi mili u t-tul tal-proċedura ta' mili, jista' jitqies li huwa konformi mal-effett utli tal-klawżoli 1 u 5 tad-Direttiva 1999/70?

2) Għandu jiġi kkunsidrat li l-obbligu stipulat fil-klawżola 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE li tistabbilixxi miżura waħda jew iktar li jinsabu fiha sabiex jiġi evitat l-użu abbużiv ta' kuntratti temporanji ġie traspost fid-dritt Spanjol fir-rigward ta' kuntratt għal żmien determinat (interinidad) għall-mili ta' pożizzjoni vakanti, li għalih skont il-ġurisprudenza ma hemm l-ebda tul massimu ta' dawn ir-relazzjonijiet ta' xogħol temporanji u lanqas ma hemm raġuni oġġettiva li tiġġustifika t-tiġdid tagħhom u lanqas l-ebda numru ta' tiġdid ta' dawn ir-relazzjonijiet ta' xogħol?

3) Il-fatt li ma hemmx fid-dritt Spanjol, konformement mal-ġurisprudenza, miżura effikaċi sabiex tipprevjeni jew tikkastiga l-abbużi kontra ħaddiema li għandhom kuntratt għal żmien determinat (interinidad) sabiex timtela pożizzjoni vakanti jippreġudika l-iskop u l-effett utli tal-ftehim qafas, peress li ma hemm l-ebda tul massimu totali tar-relazzjonijiet ta' impjieg, li qatt ma jsiru għal żmien indeterminat jew għal żmien indeterminat mhux permanenti, anki meta jkunu għaddew ħafna snin, la xi kumpens għall-ħaddiema li jitkeċċew u lanqas xi obbligu għall-amministrazzjoni li tiġġustifika t-tiġdid tar-relazzjoni ta' xogħol temporanju (interina) meta, għal bosta snin, ma tinkludix il-pożizzjoni vakanti f'avviż ta' impjieg pubbliku jew iddewwem il-proċedura ta' reklutaġġ?

4) Relazzjoni ta' xogħol mingħajr limiti ta' żmien, li t-tul tagħha, skont il-ġurisprudenza tas-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2018, Montero Mateos (C-677/16, EU:C:2018:393), hija twila iżjed mis-soltu u tiddependi biss fuq ir-rieda tal-persuna li timpjega, mingħajr ebda limitu jew ġustifikazzjoni, li l-ħaddiem ma jistax jipprevedi t-tmiem tagħha u li tista' ddum sakemm jirtira bil-pensjoni, għandha titqies li hija konformi mal-għan tad-Direttiva [1999/70] jew inkella li hija abbużiva?

5) Skont is-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2018, Sciotto (C-331/17, EU:C:2018:859), jista' jiġi kkunsidrat li l-kriżi ekonomika tal-2008 tista' tiġġustifika b'mod astratt l-assenza ta' kwalunkwe miżura ta' prevenzjoni tal-użu abbużiv ta' relazzjonijiet ta' impjieg suċċessivi għal żmien determinat, fis-sens tal-klawżola 5(1) [il-punt 1 tal-Klawżola 5] tal-Ftehim Qafas, li tista' tevita jew tiskoraġġixxi l-estensjoni tar-relazzjoni ta' xogħol bejn ir-rikorrenti u l-Komunità Awtonoma ta' Madrid mill-2003 sal-2008 u t-tiġdid tagħha sal-2016, li għalhekk ittawwal ir-relazzjoni ta' impjieg temporanju għal tlettax-il sena?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-applikabbiltà tal-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas

25 L-Imidra u l-Gvern Spanjol isostnu, essenzjalment, li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija ta' natura ipotetika u, għaldaqstant, hija inammissibbli, peress li l-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas ma tapplikax f'sitwazzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ma hijiex ikkaratterizzata minn kuntratti jew minn relazzjonijiet ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat iżda mill-konklużjoni tal-istess kuntratt ta' interinidad.

26 F'dak li jirrigwarda l-applikabbiltà tal-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas fil-kawża prinċipali, għandu jitfakkar li din il-Klawżola għandha l-għan li timplimenta wieħed mill-għanijiet segwiti minnu, jiġifieri li jiġi limitat l-użu suċċessiv tal-kuntratti jew tar-relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat, meqjus bħala sors potenzjali ta' abbuż għad-detriment tal-ħaddiema, billi jipprevedi ċertu numru ta' dispożizzjonijiet protettivi minimi intiżi sabiex jevitaw il-prekarjetà tas-sitwazzjoni tal-impjegati (sentenza tal-11 ta' Frar 2021, M.V. *et* (Kuntratti ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat fis-settur pubbliku), C-760/18, EU:C:2021:113, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 Għaldaqstant, il-punt 1 tal-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas jobbliga lill-Istati Membri, bil-għan ta' prevenzjoni tal-użu abbużiv ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet tax-xogħol suċċessivi għal żmien determinat, bl-adozzjoni effettiva u vinkolanti ta' mill-inqas waħda mill-miżuri li din il-Klawżola telenka, fil-każ fejn id-dritt intern tagħhom ma jinkludix miżuri legali ekwivalenti (sentenza tal-11 ta' Frar 2021, M.V. *et* (Kuntratti ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat fis-settur pubbliku), C-760/18, EU:C:2021:113, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 Għaldaqstant, mill-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tal-Ftehim qafas kif ukoll minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-imsemmija dispożizzjoni tapplika biss fil-preżenza ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat, b'tali mod li kuntratt li huwa l-ewwel u l-uniku kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha (sentenza tal-11 ta' Frar 2021, M.V. *et* (Kuntratti ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat fis-settur pubbliku), C-760/18, EU:C:2021:113, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 Barra minn hekk, għandu jiġi ppreċiżat li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-punt 2(a) tal-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas iħalli, bħala prinċipju, lill-Istati Membri u/jew lill-imsieħba soċjali l-kompitu li jiddeterminaw taħt liema kundizzjonijiet il-kuntratti jew ir-relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat jitqiesu bħala "suċċessivi" (sentenza tal-11 ta' Frar 2021, M.V. *et* (Kuntratti ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat fis-settur pubbliku), C-760/18, EU:C:2021:113, punt 40 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

30 Filwaqt li tali referenza lill-awtoritajiet nazzjonali għall-bżonnijiet tad-definizzjoni tal-arranġamenti konkreti tal-applikazzjoni tat-terminu "suċċessivi" skont il-Ftehim qafas tispjega ruħha mix-xewqa li tiġi ppreżervata d-diversità tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali fil-qasam, għandu madankollu jitfakkar li l-marġni diskrezzjonali kif mogħti lill-Istati Membri ma huwiex illimitat, peress li f'ebda każ ma jista' jintuża sabiex jiġu kkontestati l-għan jew l-effett utli tal-Ftehim qafas. B'mod partikolari, din is-setgħa diskrezzjonali ma għandhiex tiġi eżerċitata mill-awtoritajiet nazzjonali b'mod li twassal għal sitwazzjoni li tista' tagħti lok għal abbużi u

għaldaqstant li tmur kontra l-imsemmi għan (sentenza tal-11 ta' Frar 2021, M.V. *et* (Kuntratti ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat fis-settur pubbliku), C-760/18, EU:C:2021:113, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 Fil-fatt, l-Istati Membri huma obbligati jiggarantixxu r-riżultat impost mid-dritt tal-Unjoni, kif jirriżulta mhux biss mit-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE, iżda wkoll mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 1999/70, moqri fid-dawl tal-premessa 17 tagħha (sentenza tal-11 ta' Frar 2021, M.V. *et* (Kuntratti ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat fis-settur pubbliku), C-760/18, EU:C:2021:113, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 Il-limiti għas-setgħa diskrezzjonali mogħtija lill-Istati Membri, imsemmija fil-punt 30 ta' din is-sentenza, huma imposti b'mod partikolari fir-rigward ta' kunċett prinċipali, bħal dak tan-natura suċċessiva tar-relazzjonijiet ta' xogħol, li huwa determinanti għad-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni stess tad-dispożizzjonijiet nazzjonali intiżi għall-implimentazzjoni tal-Ftehim qafas (sentenza tal-11 ta' Frar 2021, M.V. *et* (Kuntratti ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat fis-settur pubbliku), C-760/18, EU:C:2021:113, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-kuntratt ta' interinidad konkluż minn JN matul is-sena 2003 ġie estiż matul is-sena 2008 peress li l-pożizzjoni li hija kienet tokkupa ma ntgħażlet minn ebda kandidat li għadda mill-kompetizzjoni li kienet ġiet organizzata matul is-sena 2005 sabiex timtela din il-pożizzjoni. B'hekk, jidher li ma huwiex il-każ, *stricto sensu*, ta' suċċessjoni ta' żewġ kuntratti ta' xogħol jew iktar, li jippreżupponu l-eżistenza u l-konklużjoni formali ta' żewġ kuntratti jew ta' diversi kuntratti distinti, fosthom li wieħed jiġi wara l-ieħor, iżda ta' estensjoni awtomatika ta' kuntratt għal żmien determinat inizjali.

34 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li ż-żamma perenni ta' dan il-ħaddiem f'pożizzjoni vakanti skont kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat hija l-konsegwenza tan-nuqqas ta' osservanza mill-persuna li timpjega tal-obbligu legali tagħha li torganizza, fit-terminu stabbilit, proċedura ta' selezzjoni intiża sabiex timtela din il-pożizzjoni vakanti b'mod definittiv. Fil-fatt, peress li din il-proċedura hija limitata għal perijodu ta' tliet snin, kull qbiż ta' dan it-tul huwa ekwivalenti għal tiġdid taċitu tal-kuntratt ta' interinidad inizjali. Barra minn hekk, skont dik il-qorti, meta l-ebda kandidat li għadda mill-imsemmija proċedura ma għażel li jsir detentur tal-pożizzjoni vakanti u meta din tal-aħħar tkun is-suġġett ta' proċedura ġdida ta' reklutaġġ, għandu jitqies li l-kuntratt ta' interinidad kien is-suġġett ta' novazzjoni. Għaldaqstant, f'dan il-każ, ir-relazzjoni ta' xogħol ġiet impliċitament estiża, jew saħansitra kienet is-suġġett ta' novazzjonijiet fuq diversi snin, peress li l-ħatra ta' kandidat li għadda minn kompetizzjoni f'din il-pożizzjoni seħħet biss matul is-sena 2016.

35 Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-fatt li jiġi konkluż li ma kienx hemm relazzjonijiet ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat, fis-sens tal-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas, għas-sempliċi raġuni li l-ewwel kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat tal-ħaddiem ikkonċernat kien ġie estiż awtomatikament, mingħajr konklużjoni formali, bil-miktub, ta' kuntratt ta' xogħol ġdid jew ta' diversi kuntratti ġodda ta' xogħol għal żmien determinat f'sitwazzjoni li fiha, barra minn hekk, iż-żamma kontinwa ta' dan il-ħaddiem f'pożizzjoni vakanti abbażi ta' relazzjoni ta' xogħol għal żmien determinat, hija l-konsegwenza tan-nuqqas ta' osservanza mill-persuna li timpjega tal-obbligu legali tagħha li torganizza, fit-terminu mogħti, proċedura tal-għażla intiża li timla din il-pożizzjoni vakanti b'mod definittiv, b'mod li r-relazzjoni tax-xogħol tagħha, konsegwentement, ġiet impliċitament estiża matul diversi snin tirriskja li tikkompromett l-għan, il-finalità kif ukoll

l-effett utli ta' dan il-ftehim (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 61, kif ukoll tal-11 ta' Frar 2021, M.V. *et* (Kuntratti ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat fis-settur pubbliku), C-760/18, EU:C:2021:113, punt 44).

36 Fil-fatt, tali interpretazzjoni restrittiva tal-kunċett ta' "relazzjonijiet ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat" tippermetti li jiġu impjegati ħaddiema b'mod prekarju matul is-snin (sentenza tal-11 ta' Frar 2021, M.V. *et* (Kuntratti ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat fis-settur pubbliku), C-760/18, EU:C:2021:113, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37 Minbarra dan, din l-istess interpretazzjoni restrittiva tirriskja li jkollha bħala effett mhux biss li teskludi fil-fatt numru kbir ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat mill-benefiċċju tal-protezzjoni tal-ħaddiema koperti mid-Direttiva 1999/70 u l-Ftehim qafas, billi lill-għan imfittex minn dawn tal-aħħar tneħħilu parti kbira tas-sustanza tiegħu, imma wkoll li tippermetti l-użu abbużiv ta' tali relazzjonijiet mill-persuni li jimpjegaw sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet permanenti u fit-tul fil-qasam tal-persunal (sentenza tal-11 ta' Frar 2021, M.V. *et* (Kuntratti ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat fis-settur pubbliku), C-760/18, EU:C:2021:113, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 F'dan il-kuntest, għandu jiġi kkonstatat ukoll li l-kunċett ta' "tul" tar-relazzjoni ta' xogħol jikkostitwixxi element essenzjali ta' kull kuntratt għal żmien determinat. Skont il-punt 1 tal-Klawżola 3 tal-Ftehim qafas, "l-aħħar tal-kuntratt jew tar-relazzjoni ta' l-impjieg hu ddeterminat b'kondizzjonijiet oġġettivi bħal li jilħaq data speċifika, ilesti xogħol speċifiku, jew it-twettiq ta' każ speċifiku". It-tibdil tad-data tat-tmiem ta' kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat jikkostitwixxi għalhekk bidla essenzjali ta' dan il-kuntratt, li jista' b'mod leġittimu jiġi assimilat mal-konklużjoni ta' relazzjoni ġdida ta' xogħol għal żmien determinat wara r-relazzjoni ta' xogħol preċedenti, li jaqa', għalhekk, taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas (sentenza tal-11 ta' Frar 2021, M.V. *et* (Kuntratti ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat fis-settur pubbliku), C-760/18, EU:C:2021:113, punt 47).

39 F'dan il-każ, peress li l-estensjoni awtomatika tal-kuntratt għal żmien determinat inizjali tista' tiġi assimilata ma' tiġdid u, konsegwentement, mal-konklużjoni ta' kuntratt għal żmien determinat distint, is-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma hijiex ikkaratterizzata mill-konklużjoni tal-istess kuntratt wieħed, iżda mill-konklużjoni ta' kuntratti li jistgħu effettivament jiġu kklassifikati bħala "suċċessivi", fis-sens tal-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

40 Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat li l-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas għandha tiġi interpretata fis-sens li l-espressjoni "kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' impjieg għal terminu fiss [żmien determinat]", li tinsab fiha, tkopri wkoll l-estensjoni *ipso jure* tal-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat tal-ħaddiema tas-settur pubbliku, bħall-kuntratt ta' interinidad inkwistjoni fil-kawża prinċipali, minkejja l-fatt li l-forma bil-miktub, bħala prinċipju prevista għall-konklużjoni ta' kuntratti suċċessivi, ma ġietx osservata.

41 Konsegwentement, xejn ma jipprekludi l-applikabbiltà tal-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas għall-kawża prinċipali, b'tali mod li hemm lok li tingħata risposta għad-domandi magħmula.

Fuq l-ewwel sar-raba' domanda

42 Permezz tal-ewwel sar-raba' domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas għandhiex tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, kif interpretata mill-ġurisprudenza nazzjonali, li, fir-rigward tal-kuntratti ta' interinidad ma tinkludi ebda indikazzjoni dwar ir-raġunijiet oġġettivi li jiġġustifikaw it-tiġdid ta' dawn il-kuntratti jew it-tul massimu tagħhom, ma tippreċiżax in-numru massimu ta' tiġdidiet tagħhom, ma tinkludi ebda miżura legali ekwivalenti u ma tipprevedi ebda kumpens għad-danni fil-każ ta' tkeċċija.

43 Għandu jitfakkar, kif ġie rrilevat fil-punti 26 u 27 ta' din is-sentenza, li l-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas, li għandha l-għan li timplimenta wieħed mill-għanijiet segwiti minnu, jiġifieri li jiġi limitat l-użu suċċessiv tal-kuntratti jew tar-relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat, timponi, fil-punt 1 tagħha, fuq l-Istati Membri l-adozzjoni effettiva u vinkolanti ta' mill-inqas waħda mill-miżuri li hija telenka, meta d-dritt intern tagħhom ma jinkludix miżuri legali ekwivalenti. Il-miżuri hekk elenkati fil-punt 1(a) sa (ċ) ta' din il-Klawżola, li jammontaw għal tlieta, jirrigwardaw, rispettivament, raġunijiet oġġettivi li jiġġustifikaw it-tiġdid ta' tali kuntratti jew relazzjonijiet ta' xogħol, it-tul massimu totali ta' dawn il-kuntratti jew relazzjonijiet ta' xogħol suċċessivi u n-numru ta' tiġdidiet tagħhom (sentenza tal-11 ta' Frar 2021, M.V. *et* (Kuntratti ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat fis-settur pubbliku), C-760/18, EU:C:2021:113, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 L-Istati Membri għandhom, f'dan ir-rigward, marġni ta' diskrezzjoni, peress li għandhom l-għażla li jirrikorru għal waħda jew iktar mill-miżuri msemmija fil-punt 1(a) sa (c) tal-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas jew ukoll għal miżuri legali eżistenti ekwivalenti, u dan filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-bżonnijiet ta' setturi speċifiċi u/jew ta' kategoriji ta' ħaddiema (sentenza tal-11 ta' Frar 2021, M.V. *et* (Kuntratti ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat fis-settur pubbliku), C-760/18, EU:C:2021:113, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 B'hekk, il-punt 1 tal-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas jagħti lill-Istati Membri għan ġenerali, li jikkonsisti fil-prevenzjoni ta' tali abbuż, filwaqt li jħallilhom l-għażla tal-mezzi sabiex jilħqu dan l-għan, bil-kundizzjoni li huma ma jikkompromettux l-għan jew l-effett utli tal-Ftehim qafas (sentenza tal-11 ta' Frar 2021, M.V. *et* (Kuntratti ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat fis-settur pubbliku), C-760/18, EU:C:2021:113, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata).

46 Barra minn hekk, meta, bħal f'dan il-każ, id-dritt tal-Unjoni ma jipprevedix sanzjonijiet speċifiċi fl-ipoteżi fejn madankollu ġew ikkonstatati abbużi, huma l-awtoritajiet nazzjonali li għandhom jadottaw miżuri li għandhom ikunu mhux biss ta' natura proporzjonata, iżda wkoll effettivi u dissważivi biżżejjed sabiex tiġi ggarantita l-effettività sħiħa tar-regoli adottati bis-saħħa tal-Ftehim qafas (sentenza tal-25 ta' Ottubru 2018, Sciotto, C-331/17, EU:C:2018:859, punt 64 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 Għalkemm, fl-assenza ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam, il-metodi ta' implimentazzjoni ta' tali regoli jirriżultaw mill-ordinament ġuridiku intern tal-Istati Membri abbażi tal-prinċipju tal-awtonomija proċedurali tagħhom, dawn madankollu ma għandhomx ikunu inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw sitwazzjonijiet simili ta' natura interna (prinċipju ta' ekwivalenza) u lanqas ma għandhom jagħmlu impossibbli fil-prattika jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (prinċipju ta' effettività) (sentenza tas-7 ta' Marzu 2018, Santoro, C-494/16, EU:C:2018:166, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

48 Isegwi li, meta jkun sar użu abbużiv mill-kuntratti jew minn relazzjonijiet ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat, għandha tkun tista' tiġi applikata miżura li tagħti garanziji effettivi u ekwivalenti ta' protezzjoni tal-ħaddiema sabiex tissanzjona b'mod xieraq dan l-abbuż u tħassar il-konsegwenzi tal-ksur tad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, skont l-istess termini tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 1999/70, l-Istati Membri għandhom "jieħdu xi miżuri neċessarji sabiex ikunu jistgħu f'kull ħin ikunu f'posizzjoni li jiggarantixxu r-riżultati imposti [minn din] id-Direttiva" (ara s-sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 88 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

49 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, hekk kif il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat numru ta' drabi, il-Ftehim qafas ma jistabbilixxix obbligu ġenerali tal-Istati Membri li jipprevedu l-bidla ta' kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat f'kuntratt għal żmien indeterminat. Fil-fatt, il-punt 2 tal-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas iħalli bħala prinċipju lill-Istati Membri l-kompitu li jiddeterminaw taħt liema kundizzjonijiet il-kuntratti jew ir-relazzjonijiet tax-xogħol għal żmien determinat jitqiesu li huma konklużi għal żmien indeterminat. Minn dan jirriżulta li l-Ftehim qafas ma jippreskrivix il-kundizzjonijiet li fihom jistgħu jintużaw kuntratti għal żmien indeterminat (sentenza tas-26 ta' Novembru 2014, Mascolo *et*, C-22/13, C-61/13 sa C-63/13 u C-418/13, EU:C:2014:2401, punt 80 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

50 F'dan il-każ, fir-rigward tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi s-sistema tal-kuntratti ta' interinidad, għandu jitfakkar li ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt intern, peress li din il-missjoni taqa' fuq il-qrati nazzjonali kompetenti, li għandhom jiddeterminaw jekk ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas humiex issodisfatti mid-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 89 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

51 Għaldaqstant, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa sa fejn il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni kif ukoll l-implimentazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt intern jikkostitwixxu miżura adegwata għall-prevenzjoni u, jekk ikun il-każ, għas-sanzjoni tal-użu abbużiv ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat (sentenza tas-26 ta' Novembru 2014, Mascolo *et*, C-22/13, C-61/13 sa C-63/13 u C-418/13, EU:C:2014:2401, punt 82 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

52 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja, meta tiddeċiedi dwar rinviju għal deċiżjoni preliminari, tista', jekk ikun il-każ, tagħmel preċiżazzjonijiet intiżi sabiex jiggwidaw lil dawk il-qrati fl-evalwazzjoni tagħhom (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 91 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

Fuq l-eżistenza ta' miżuri preventivi tal-użu abbużiv ta' kuntratti ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat

53 F'dak li jirrigwarda l-eżistenza ta' miżuri preventivi tal-użu ta' kuntratti suċċessivi għal żmien determinat, fis-sens tal-punt 1 tal-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas, mill-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tippermetti l-konklużjoni ta' kuntratti ta' interinidad suċċessivi fl-istennija tal-organizzazzjoni ta' kompetizzjoni u, jekk ikun il-każ, tar-reklutaġġ ta' ħaddiem permanenti fil-pożizzjoni li sa dak iż-żmien kienet okkupata skont dawn il-kuntratti, mingħajr ma tipprevedi miżuri li jillimitaw it-tul massimu totali tal-imsemmija kuntratti jew in-numru ta' tiġdidiet tagħhom, fis-sens tal-punt 1(b) u (c) ta' din il-Klawżola.

54 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi vverifikat jekk it-tiġdid ta' tali kuntratti ta' xogħol huwiex iġġustifikat minn "raġuni oġġettiva", fis-sens tal-punt 1(a) tal-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas, kif isostni, essenzjalment, l-Imidra u, jekk ikun il-każ, jekk il-miżuri nazzjonali relatati mas-sistema ta' dawn il-kuntratti jikkostitwixxux "miżuri ekwivalenti legali biex jipprevjenu l-abbuż", fis-sens ta' din il-Klawżola, kif isostni, b'mod partikolari, il-Gvern Spanjol.

55 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, l-eżistenza, fid-dritt nazzjonali, ta' raġunijiet oġġettivi li jiġġustifikaw it-tiġdid ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat, fis-sens tal-punt 1(a) tal-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas, għandu jiġi rrilevat li, kif jindika l-punt 7 tal-kunsiderazzjonijiet ġenerali tal-Ftehim qafas, il-partijiet firmatarji tal-Ftehim qafas fil-fatt qiesu li l-użu ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat ibbażat fuq "raġunijiet oġġettivi" huwa mezz ta' prevenzjoni tal-abbużi (sentenza tas-26 ta' Novembru 2014, Mascolo *et*, C-22/13, C-61/13 sa C-63/13 u C-418/13, EU:C:2014:2401, punt 86 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

56 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li s-sostituzzjoni temporanja ta' ħaddiem sabiex jiġu ssodisfatti, essenzjalment, il-bżonnijiet provviżorji tal-persuna li timpjega f'termini ta' persunal tista', bħala prinċipju, tikkostitwixxi tali "raġuni oġġettiva" (sentenza tas-26 ta' Novembru 2014, Mascolo *et*, C-22/13, C-61/13 sa C-63/13 u C-418/13, EU:C:2014:2401, punt 91 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

57 Minn dan isegwi li leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti t-tiġdid ta' kuntratti għal żmien determinat sabiex timtela temporanjament pożizzjoni fi ħdan l-amministrazzjoni tal-Komunità Awtonoma ta' Madrid fl-istennija tat-tmiem tal-proċeduri ta' reklutaġġ ta' aġent permanenti ma tmurx, fiha nnifisha, kontra l-Ftehim qafas.

58 Issa, hekk kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet f'diversi okkażjonijiet, it-tiġdid ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat sabiex jiġu koperti bżonnijiet li huma, fil-fatt, ta' natura mhux provviżorja, iżda, għall-kuntrarju, permanenti u li jdumu fiż-żmien ma huwiex iġġustifikat fis-sens tal-punt 1(a) tal-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas. Fil-fatt, tali użu ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat imur direttament kontra l-premessa li fuqha huwa bbażat dan il-Ftehim qafas, jiġifieri li l-kuntratti ta' xogħol għal żmien indeterminat jikkostitwixxu l-forma ġenerali tar-relazzjonijiet ta' xogħol, anki jekk il-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat huma karatteristika tal-impjieg f'ċerti setturi jew għal ċerti xogħlijiet u attivitajiet (sentenza tas-26 ta' Novembru 2014, Mascolo *et*, C-22/13, C-61/13 sa C-63/13 u C-418/13, EU:C:2014:2401, punt 100 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

59 L-osservanza tal-punt 1(a) tal-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas teżiġi għalhekk li jiġi vverifikat konkretament li t-tiġdid ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat huwa intiż sabiex ikopri bżonnijiet provviżorji (sentenza tas-26 ta' Novembru 2014, Mascolo *et*, C-22/13, C-61/13 sa C-63/13 u C-418/13, EU:C:2014:2401, punt 101 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

60 Għal dan il-għan għandhom jiġu eżaminati, f'kull każ, iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, billi jieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, in-numru tal-imsemmija kuntratti suċċessivi konklużi mal-istess persuna jew għall-finijiet tat-twettiq tal-istess xogħol, sabiex jiġi evitat li kuntratti jew relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat, anki jekk konklużi apparentement sabiex ikopru bżonn ta' persunal ta' sostituzzjoni, jintużaw b'mod abbużiv mill-persuna li timpjega (sentenza tas-26 ta' Novembru 2014, Mascolo *et*, C-22/13, C-61/13 sa C-63/13 u C-418/13, EU:C:2014:2401, punt 102 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

61 Għalkemm, skont il-ġurisprudenza msemmija fil-punt 51 ta' din is-sentenza, kull evalwazzjoni tal-fatti taqa', fil-kuntest tal-proċedura prevista fl-Artikolu 267 TFUE, taħt il-ġurisdizzjoni tal-qrati nazzjonali, għandu jiġi kkonstatat li mill-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-leġiżlazzjoni nazzjonali, b'mod partikolari l-Artikolu 70 tal-EBEP, jistabbilixxi terminu ta' tliet snin għall-organizzazzjoni tal-proċeduri ta' reklutaġġ. Għaldaqstant, kif tindika l-qorti tar-rinviju, dan it-terminu jippermetti, b'mod indirett, li jiġi evitat li jinżammu r-relazzjonijiet temporanji ta' xogħol tal-persuni li jokkupaw pożizzjonijiet vakanti. Madankollu, l-imsemmi terminu, skont il-ġurisprudenza tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema), jista' jiġġedded għal diversi raġunijiet, b'tali mod li dan l-istess terminu jvarja daqskemm hu inċert.

62 Minn dan jirriżulta li, bla ħsara għall-verifiki li għandha twettaq il-qorti tar-rinviju, din il-leġiżlazzjoni nazzjonali, kif interpretata mill-ġurisprudenza nazzjonali, fl-assenza ta' kull terminu preċiż għall-organizzazzjoni u għall-ikkompletar tal-proċeduri ta' reklutaġġ intiżi sabiex timtela b'mod definittiv il-pożizzjoni okkupata sa dak iż-żmien minn ħaddiem bis-saħħa ta' kuntratt għal żmien determinat, tidher li hija ta' natura li tippermetti, bi ksur tal-punt 1(a) tal-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas, it-tiġdid ta' tali kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat sabiex jiġu koperti bżonnijiet li għandhom, fil-fatt, natura mhux provviżorja, iżda, għall-kuntrarju, permanenti u li jdumu fit-tul.

63 Konsegwentement, l-imsemmija leġiżlazzjoni nazzjonali, minkejja li tidher li tillimita formalment l-użu tal-kuntratti ta' interinidad, li ġew konklużi fl-istennija tal-organizzazzjoni ta' proċeduri ta' kompetizzjoni sabiex timtela definittivament il-pożizzjoni kkonċernata, għal perijodu wieħed li jintemm mat-tmiem ta' dawn il-proċeduri, madankollu ma tippermettix li jiġi żgurat li l-applikazzjoni konkreta ta' din ir-raġuni oġġettiva tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Klawżola 5(a) tal-Ftehim qafas, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

64 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-eżistenza, fid-dritt nazzjonali, ta' "miżuri ekwivalenti legali biex jipprevjenu l-abbuż", fis-sens tal-punt 1 tal-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li miżura nazzjonali li tipprevedi l-organizzazzjoni fit-termini meħtieġa ta' proċeduri ta' selezzjoni intiżi sabiex jimtlew b'mod definittiv il-pożizzjonijiet okkupati provviżorjament minn ħaddiema għal żmien determinat hija ta' natura li tevita li l-istatus prekarju ta' dawn il-ħaddiema jipperpetwa ruħu, filwaqt li tiżgura li l-pożizzjonijiet li huma jokkupaw b'mod definittiv jimtlew malajr (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 94).

65 Għaldaqstant, l-organizzazzjoni fit-termini meħtieġa ta' tali proċeduri tista', bħala prinċipju, tipprevjeni l-abbużi li jirriżultaw mill-użu ta' relazzjonijiet ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat sakemm dawn il-pożizzjonijiet jimtlew b'mod definittiv (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 95).

66 Dan premess, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, kif ġie rrilevat fil-punt 61 ta' din is-sentenza, minkejja l-eżistenza ta' terminu preċiż, fid-dritt Spanjol, għall-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' reklutaġġ, dan it-terminu, konformement mal-ġurisprudenza tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema), ma jikkostitwixxix terminu fiss u, għaldaqstant, ma jidhirx li huwa, fil-fatt, irrispettat.

67 Issa, leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-organizzazzjoni ta' proċeduri ta' selezzjoni intiżi sabiex jimtlew b'mod definittiv il-pożizzjonijiet okkupati provviżorjament minn ħaddiema għal żmien determinat kif ukoll terminu preċiż għal dan il-għan, iżda li ma tippermettix li jiġi żgurat li tali proċeduri jiġu effettivament organizzati, ma tidhirx li hija ta' natura li tipprevjeni l-użu abbużiv,

mill-persuna li timpjega kkonċernata, ta' relazzjonijiet ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 97).

68 Konsegwentement, bla ħsara għall-verifiki li għandha twettaq il-qorti tar-rinviju, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, kif interpretata mill-ġurisprudenza nazzjonali, ma tidhirx li tikkostitwixxi "miżur[a] legali ekwivalenti", fis-sens tal-punt 1 tal-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas.

69 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li mill-elementi għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, kif interpretata mill-ġurisprudenza nazzjonali, ma tidhirx li tinkludi, bla ħsara għall-verifiki li l-qorti tar-rinviju għandha twettaq, miżuri preventivi tal-użu abbużiv ta' kuntratti ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat, fis-sens tal-punt 1 tal-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas, kuntrarjament għar-rekwiżiti mfakkra fil-punti 43 u 45 ta' din is-sentenza.

Fuq l-eżistenza ta' miżuri li jissanzjonaw l-użu abbużiv ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat

70 Fir-rigward tal-eżistenza ta' miżuri intiżi li jissanzjonaw l-użu abbużiv ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat, mill-proċess li għandha għad-dispożizzjoni tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, konformement mal-ġurisprudenza tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema), l-użu ta' kuntratti ta' interinidad ma huwiex ikklassifikat bħala abbużiv. Għaldaqstant, għal dawn il-kuntratti, minn naħa, ir-relazzjoni ta' xogħol ma hijiex ikklassifikata mill-ġdid bħala relazzjoni ta' xogħol għal żmien indeterminat mhux permanenti u, min-naħa l-oħra, il-ħaddiem ikkonċernat ma għandu dritt għal ebda kumpens fi tmiem dawn il-kuntratti. Għalhekk, tali kumpens jitħallas biss fit-tmiem tal-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat minbarra l-kuntratti ta' interinidad.

71 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 48 ta' din is-sentenza, sabiex leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi, fis-settur pubbliku, it-tibdil f'kuntratt ta' xogħol għal żmien indeterminat ta' sensiela ta' kuntratti għal żmien determinat tkun tista' titqies li hija konformi mal-Ftehim qafas, l-ordinament ġuridiku intern tal-Istat Membru kkonċernat għandu jinkludi, fl-imsemmi settur, miżura effettiva oħra sabiex tevita u, jekk ikun il-każ, tissanzjona l-użu abbużiv ta' kuntratti suċċessivi għal żmien determinat (digriet tat-30 ta' Settembru 2020, Câmara Municipal de Gondomar, C-135/20, mhux ippubblikat, EU:C:2020:760, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

72 Għaldaqstant, jekk il-qorti tar-rinviju tikkonstata li fil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma teżisti ebda miżura effettiva oħra sabiex jiġu evitati u ssanzjonati l-abbużi eventwalment ikkonstatati fir-rigward tal-impjegati tas-settur pubbliku, tali sitwazzjoni tkun ta' natura li tippreġudika l-għan u l-effett utli tal-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas u tkun, għalhekk, kuntrarja għal din il-Klawżola (ara, f'dan is-sens, id-digriet tat-30 ta' Settembru 2020, Câmara Municipal de Gondomar, C-135/20, mhux ippubblikat, EU:C:2020:760, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

73 F'dan il-kuntest, għandu jiġi rrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sa fejn ma teżisti, fir-rigward tal-persunal irreklutat fl-amministrazzjonijiet taħt id-dritt amministrattiv, ebda miżura oħra ekwivalenti u effettiva ta' protezzjoni, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, l-assimilazzjoni ta' dan il-persunal għal żmien determinat ma' "ħaddiema għal żmien

indeterminat mhux permanenti" tista' tikkostitwixxi miżura li tkun ta' natura li tissanzjona l-użu abbużiv ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat u li tħassar il-konsegwenzi tal-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim qafas (sentenza tal-14 ta' Settembru 2016, Martínez Andrés u Castrejana López, C-184/15 u C-197/15, EU:C:2016:680, punt 53).

74 F'dak li jirrigwarda l-assenza ta' għoti ta' kumpens fi tmiem il-kuntratti ta' interinidad, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-ħlas ta' kumpens ta' tmiem il-kuntratt ma jippermettix li jintlaħaq l-għan segwit mill-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas, li jikkonsisti fil-prevenzjoni tal-abbużi li jirriżultaw mill-użu ta' kuntratti suċċessivi għal żmien determinat. Fil-fatt, tali ħlas jidher li huwa indipendenti minn kull kunsiderazzjoni dwar in-natura leġittima jew abbużiva tal-użu ta' kuntratti għal żmien determinat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Novembru 2018, de Diego Porras, C-619/17, EU:C:2018:936, punt 94).

75 Għalhekk, tali miżura ma tidhirx li hija ta' natura li tissanzjona debitament użu abbużiv ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat u tħassar il-konsegwenzi tal-ksur tad-dritt tal-Unjoni u, konsegwentement, ma tidhirx li tikkostitwixxi, waħedha, miżura suffiċjentement effettiva u dissważiva sabiex tiggarantixxi l-effettività sħiħa tar-regoli adottati skont il-Ftehim qafas, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 46 ta' din is-sentenza (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Novembru 2018, de Diego Porras, C-619/17, EU:C:2018:936, punt 95).

76 Barra minn hekk, il-fatt li dan il-kumpens jitħallas biss fi tmiem il-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat minbarra l-kuntratti ta' interinidad huwa ta' natura li jippreġudika l-għan u l-effett utli tal-Ftehim qafas biss jekk fid-dritt nazzjonali ma tkun teżisti ebda miżura effettiva oħra sabiex jiġu evitati u ssanzjonati l-abbużi fir-rigward tal-ħaddiema impjegati bis-saħħa ta' kuntratti ta' interinidad, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Novembru 2018, de Diego Porras, C-619/17, EU:C:2018:936, punt 100).

77 Għaldaqstant, fid-dawl tal-elementi li għandha għad-dispożizzjoni tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja, leġiżlazzjoni nazzjonali, kif interpretata mill-ġurisprudenza nazzjonali, li, minn naħa, tipprojbixxi kemm l-assimilazzjoni ta' ħaddiema impjegati abbażi ta' kuntratti ta' interinidad suċċessivi għal "ħaddiema għal żmien indeterminat mhux permanenti" kif ukoll l-għoti ta' kumpens lil dawn il-ħaddiema u, min-naħa l-oħra, ma tipprevedi ebda miżura effettiva oħra sabiex tipprevjeni u tissanzjona l-abbużi eventwalment ikkonstatati fir-rigward tal-impjegati tas-settur pubbliku ma tidhirx, bla ħsara għall-verifiki li jaqgħu fuq il-qorti tar-rinviju, li hija konformi mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 46 sa 49 ta' din is-sentenza.

78 Sabiex tingħata risposta utli lill-qorti tar-rinviju, għandhom isiru preċiżazzjonijiet dwar l-obbligi li għandha l-qorti nazzjonali fil-każ fejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali, kif interpretata mill-ġurisprudenza nazzjonali, ma tkunx konformi mal-punt 1 tal-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas.

79 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-punt 1 tal-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas ma huwiex mingħajr kundizzjoni u preċiż biżżejjed sabiex ikun jista' jiġi invokat minn individwu quddiem qorti nazzjonali (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 118 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

80 Issa, tali dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, nieqsa minn effett direct, ma tistax tiġi invokata, bħala tali, fil-kuntest ta' tilwima li taqa' taħt id-dritt tal-Unjoni, sabiex tiġi eskluża l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tkun kuntrarja għaliha (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 119 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

81 Għaldaqstant, qorti nazzjonali ma hijiex obbligata li ma tapplikax dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tmur kontra l-punt 1 tal-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 120 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

82 Dan premess, għandu jitfakkar li, billi japplikaw id-dritt intern, il-qrati nazzjonali għandhom l-obbligu li jinterpretawh sa fejn possibbli fid-dawl tat-test u tal-għan tad-direttiva inkwistjoni sabiex jintlaħaq ir-riżultat intiż minnha u, għaldaqstant, jikkonformaw ruħhom mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 121 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

83 Ir-rekwiżit ta' interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali huwa fil-fatt inerenti għas-sistema tat-Trattat FUE minħabba li dan jippermetti lill-qrati nazzjonali li jiggarantixxu, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħhom, l-effettività sħiħa tad-dritt tal-Unjoni meta huma jiddeċiedu t-tilwim li jitressaq quddiemhom (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 122 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

84 Ċertament, l-obbligu għall-qorti nazzjonali li tirreferi għall-kontenut ta' direttiva meta tinterpreta u tapplika r-regoli rilevanti tad-dritt intern huwa limitat mill-prinċipji ġenerali tad-dritt, b'mod partikolari mill-prinċipji ta' ċertezza legali kif ukoll ta' nuqqas ta' retroattività, u ma jistax iservi ta' bażi għal interpretazzjoni *contra legem* tad-dritt nazzjonali (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 123 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

85 Il-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi jeżiġi madankollu li l-qrati nazzjonali jagħmlu dak kollu li jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom, billi jieħdu inkunsiderazzjoni d-dritt intern kollu u billi japplikaw metodi ta' interpretazzjoni rrikonoxxuti minn dan id-dritt, sabiex tiġi ggarantita l-effettività sħiħa tad-direttiva inkwistjoni u sabiex tinstab soluzzjoni konformi mal-għan imfittex minnha (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 124 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

86 F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-obbligu ta' interpretazzjoni konformi jimponi fuq il-qrati nazzjonali li jemendaw, jekk ikun il-każ, ġurisprudenza stabbilita jekk din tkun ibbażata fuq interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali inkompatibbli mal-għanijiet ta' direttiva. Għaldaqstant, qorti nazzjonali ma tistax, b'mod partikolari, validament tikkunsidra li hija tinsab fl-impossibbiltà li tinterpreta dispożizzjoni nazzjonali b'mod konformi mad-dritt tal-Unjoni sempliċement minħabba l-fatt li din id-dispożizzjoni, b'mod kostanti, ġiet interpretata f'sens li ma huwiex kompatibbli ma' dan id-dritt (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Novembru 2018, Bauer u Willmeroth, C-569/16 u C-570/16, EU:C:2018:871, punt 68 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

87 Għaldaqstant, f'dan il-każ, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tistax tiġi interpretata b'mod konformi mal-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas.

88 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel sarraba' domanda għandha tkun li l-punt 1 tal-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, kif interpretata mill-ġurisprudenza nazzjonali, li, minn naħa, tippermetti, fl-istennija tat-tmiem tal-proċeduri ta' reklutaġġ mibdija sabiex jimtlew b'mod definittiv pożizzjonijiet vakanti ta' ħaddiema fis-settur pubbliku, it-tiġdid ta' kuntratti għal żmien determinat, mingħajr ma tindika terminu preċiż għat-tlestija ta' dawn il-proċeduri u, min-naħa l-oħra, tipprekludi kemm l-assimilazzjoni ta' dawn il-ħaddiema għal "ħaddiema għal żmien indeterminat mhux permanenti" kif ukoll l-għoti ta' kumpens lil dawn l-istess ħaddiema. Fil-fatt, jidher li din il-leġiżlazzjoni nazzjonali, bla ħsara għall-verifiki li għandha twettaq il-qorti tar-rinviju, ma tinkludi ebda miżura intiża sabiex tipprevjeni u, jekk ikun il-każ, tissanzjona l-użu abbużiv ta' kuntratti suċċessivi għal żmien determinat.

Fuq il-ħames domanda

89 Permezz tal-ħames domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-punt 1 tal-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas għandux jiġi interpretat fis-sens li kunsiderazzjonijiet purament ekonomiċi, marbuta mal-kriżi ekonomika tas-sena 2008, jistgħux jiġġustifikaw l-assenza, fid-dritt nazzjonali, ta' kull miżura intiża sabiex tipprevjeni u tissanzjona l-użu ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat.

90 F'dan il-każ, l-Imidra jsostni li d-dewmien fl-organizzazzjoni tal-proċeduri ta' reklutaġġ huwa dovut għall-osservanza tal-obbligi legali li jirriżultaw, b'mod partikolari, mil-liġijiet finanzjarji adottati wara l-kriżi ekonomika tas-sena 2008, li kienu jipprevedu restrizzjonijiet baġitarji u, f'dan il-kuntest, kienu jipprojbixxu, bejn is-snin 2009 u 2017, li jitnidew avviżi ta' impjieg pubbliku. Għalhekk, fil-kawża prinċipali, l-amministrazzjoni ma tista' tiġi kkritikata għal ebda abbuż fir-rigward tal-użu ta' kuntratti ta' interinidad.

91 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, skont ġurisprudenza stabbilita, għalkemm kunsiderazzjonijiet baġitarji jistgħu jkunu l-bażi tal-għażliet ta' politika soċjali ta' Stat Membru u jinfluwenzaw in-natura jew il-portata tal-miżuri li huwa jkun jixtieq jadotta, dawn madankollu ma jikkostitwixxux fihom innifishom għan segwit minn din il-politika u, għaldaqstant, ma jistgħux jiġġustifikaw l-assenza ta' kwalunkwe miżura preventiva tal-użu abbużiv tal-kuntratti ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat fis-sens tal-punt 1 tal-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas (sentenza tal-25 ta' Ottubru 2018, Sciotto, C-331/17, EU:C:2018:859, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

92 Minn dan jirriżulta li, għalkemm kunsiderazzjonijiet purament ekonomiċi jistgħu jiġġustifikaw l-adozzjoni ta' liġijiet finanzjarji li jipprojbixxu l-organizzazzjoni ta' proċeduri ta' reklutaġġ fis-settur pubbliku, huma ma jistgħux jillimitaw, jew saħansitra jxejnu l-protezzjoni li jgawdu minnha l-ħaddiema b'kuntratt għal żmien determinat skont id-Direttiva 1999/70 u, b'mod partikolari, ir-rekwiżiti minimi previsti fil-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas.

93 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ħames domanda għandha tkun li l-punt 1 tal-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas għandu jiġi interpretat fis-sens li kunsiderazzjonijiet purament ekonomiċi, marbuta mal-kriżi ekonomika tas-sena 2008, ma jistgħux jiġġustifikaw l-assenza, fid-dritt nazzjonali, ta' kull miżura intiża sabiex tipprevjeni u tissanzjona l-użu ta' kuntratti ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat.

Dwar l-ispejjeż

94 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Il-punt 1 tal-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal terminu fiss [żmien determinat], konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li jinsab fl-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss [determinat] konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, kif interpretata mill-ġurisprudenza nazzjonali, li, minn naħa, tippermetti, fl-istennija tat-tmiem tal-proċeduri ta' reklutaġġ mibdija sabiex jimtlew b'mod definittiv pożizzjonijiet vakanti ta' ħaddiema fis-settur pubbliku, it-tiġdid ta' kuntratti għal żmien determinat, mingħajr ma tindika terminu preċiż għat-tlestija ta' dawn il-proċeduri u, min-naħa l-oħra, tipprekludi kemm l-assimilazzjoni ta' dawn il-ħaddiema għal "ħaddiema għal żmien indeterminat mhux permanenti" kif ukoll l-għoti ta' kumpens lil dawn l-istess ħaddiema. Fil-fatt, jidher li din il-leġiżlazzjoni nazzjonali, bla ħsara għall-verifiki li għandha twettaq il-qorti tar-rinviju, ma tinkludi ebda miżura intiża sabiex tipprevjeni u, jekk ikun il-każ, tissanzjona l-użu abbużiv ta' kuntratti suċċessivi għal żmien determinat.**

2) **Il-punt 1 tal-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal terminu fiss [żmien determinat], konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li jinsab fl-Anness tad-Direttiva 1999/70, għandu jiġi interpretat fis-sens li kunsiderazzjonijiet purament ekonomiċi, marbuta mal-kriżi ekonomika tas-sena 2008, ma jistgħux jiġġustifikaw l-assenza, fid-dritt nazzjonali, ta' kull miżura intiża sabiex tipprevjeni u tissanzjona l-użu ta' kuntratti ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat.**

Firem